# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 32/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Julian Cucciardi**

Seduta tas-24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Julian Cucciardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 139293M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Lulju, 2015 għall-ħabta tas-17:54pm ġewwa Triq l-Imqabba, Siggiewi:

1) Bħala persuna sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 23 ta' Diċembru, 2013 u 17 ta' Ġunju, 2014 mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

2) Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, li ma kellhiex liċenzja;

4) Naqas li jipproduċi l-polza tal-assikurazzjoni hekk kif ġie mitlub mill-Pulizija;

5) Naqas li jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan meta gie mitlub jagħmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita' fi żmien kif stipulat mill-liġi;

6) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan;

7) Bħala sid jew xufier ta' l-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jara li l-liċenzja kienet imwaħħla man-naħa tax-xellug tal-windscreen;

8) Waqt li kien passiġġier qed jivvjagga fis-sedil ta' quddiem jew ta' wara ta' vettura bil-mutur, naqas li jilbes ċintorin tas-sigurta;

9) Naqas u/jew irrifjuta li jagħti jew ta falz lill-pulizija jew uffiċjal ieħor meta talbuh waqt il-qadi ta' dmirijietu, ismu u konjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra .

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li tiskwalifika lill-imputat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tad-19 ta' Jannar, 2016 li biha, fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu ghall-terminu ta' priġunerija ta' tnax-il xahar;

Rat ir-rikors tal-appellant Julian Cucciardi, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** kwantu s-sejbien ta' htija izda, **tibdel** il-piena inflitta u dan billi tirreduċi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti għal waħda inqas ħarxa mingħajr priġunerija;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena kominata mill-ewwel Qorti bil-lanjanza li l-appellant qatt ma ried li jinjora jew ma jobdix il-ligi. Huwa jressaq diversi argumenti ghaliex ma kellux jinghata piena ta' prigunerija wara l-ammissjoni tieghu inkluz li kien kostrett juza l-vettura in kwistjoni minhabba urgenza familjari, qieghed jirriforma ruhu, l-habs mhu tajjeb ghall-hadd u li t-trobbija tieghu ma kienitx wahda felici u qatt ma kellu l-ghajnuna mehtiega fi tfulitu;

2. L-appellant jargumenta illi dan kollu kien sottomess fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Minn dak in-nhar sa llum l-appellant tbiddel u qiegħed jirriforma ruħu. Il-piena ta' multa kienet tkun aktar adegwata għax l-appellant ikollu jaħdem biex iħallasha. L-appellant aktar jinħtieġ għajnuna milli li jispiċċa priġunier fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn l-effett jista' jkun il-kuntrarju;

3. Dan kollu kien ukoll rifless fis-sottomissjonijiet quddiem din il-Qorti;

4. Tajjeb li jkun ribadit dak kostantement deciz minn din il-Qorti illi bhala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din ma kienitx tax-xorta li trid il-ligi jew fi kliem iehor li ma kienitx fil-parametri tal-ligi b'mod li kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata.

5. Fid-decide taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:

*'Rat il-fatt li din hija t-tielet darba li l-akkużat ser jinstab ħati tal-istess akkuża u bħal ma ġie relevat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' Ġunu 2014 jidher ċar illi l-akkużat m'għandu ebda biża' tal-liġi u ma għandu ebda ħtieġa li jobdi l-liġi.'*

6. Mill-atti processwali jirriżulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 t'April 2013 l-appellant kien instab ħati ta' sitt imputazzjonijiet b'ħamsa minnhom (inkluża waħda dwar nuqqas li jingħataw il-partikolaritajiet) l-istess bħal f'din iċ-ċitazzjoni. F'din is-sentenza l-appellant kien ikkundannat piena karċerarja ta' xahrejn sospiżi għal erba' snin u kien projbit mis-sewqan għal sena. Ir-reati seħħew fl-24 t'Awwissu 2012;

7. F'sentenza oħra tas-17 ta' Ġunju 2014 l-appellant kien instab ħati talli fit-28 ta' Frar 2014 kien wettaq disa' reati u għal darb'oħra waħda mill-imputazzjonijiet kienet li naqas li jagħti l-

partikolaritajiet tiegħu. Il-Qorti kienet ordnat li l-piena mogħtija fis-sentenza tat-23 t'April, 2013 tidħol fis-seħħ. F'din is-sentenza l-Qorti wkoll innutat *li 'l-akkużat m'għandu ebda biża' mil-liġi u wisq anqas tal-Qrati u tas-sentenzi li jingħataw.'*

8. Il-piena erogata u mertu ta' dan l-appell hija fil-parametri tal-liġi. Biżżejjed jekk wieħed iqis it-tieni imputazzjoni (u din kienet it-tielet darba li l-appellant kiser l-istess dispożizzjoni tal-Kap 104 (3)(1) (piena massima ta' multa ta' 6988.12 Euro jew massimu ta' sena priġunerija jew it-tnejn minħabba li din hija t-tielet okkażjoni) u s-sitt imputazzjoni (Kap 65 15(1)(a)(3)) fejn ukoll hemm kontemplata multa ta' 1,200 Euro jew priġunerija ta' mhux aktar minn sena, mingħajr ma jitqiesu l-pieni l-oħrajn, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u bl-ammissjoni bikrija kkonsidrata wkoll, il-piena ta' sena priġunerija żgur hija fil-limiti kkontemplata mil-liġi.

9. Il-Qorti qed tqis li fis-sena 2015, l-appellant kien qed jikser l-istess ligi għat-tielet darba u dan meta issa kellu 22 sena u kien diġa' deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati darbtejn oħra.

10. Il-Qorti qieset dan kollu u ma tarax ghaliex ghandha tirrimpjazzja id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Madankollu, hija l-prassi ta' din il-Qorti, naturalment kull kaz ikun deciz fuq il-mertu tieghu, illi tapplika certu gradwatorja fil-pieni kif wara kollox ghamlet l-ewwel Qorti billi tat diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex qabel ma finalment ikkundannatu ghall-prigunerija effettiva. Dan il-pass kien wiehed inevitabbli. Issa, l-appellant ressaq hafna argumenti dwar li hu riformat u li uza l-vettura f'sitwazzjoni ta' emergenza u argumenti simili izda ma ressaq l-ebda provi dwarhom. Il-Qorti tawgura li l-appellant qieghed verament jipprova jirriforma ruhu u ser tghaddi biex tnaqqas il-piena mhux ghaliex hija wahda harxa izda sabiex jifhem

illi l-Qorti qieghda ukoll tghinu jilhaq il-mira tieghu jekk dan huwa minnu;

Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijet kollha dedotti kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti li biha ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena u minflok tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxar xhur.